21 ta' Frar, 1947.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Giuseppe Gatt et. *versus* Onor. Dr. Joseph Cauchi ne.

**Awtorità Sanitarja — Bòrd — Appell — Terminu — Nullità — Art. 89 tal-Liġijiet tal-Pulizija.**

*Fil-każijiet kollha jista' jsir appell lill-Board Mediku minn kull ordni jew deċiżjoni ta' l-Awtorità Sanitarja, fi żmien xahar.*

*U mid-deċiżjoni tal-Board Mediku jista' jsir appell quddiem il-Qorti tal-Maestà Tiegħu r-Re, fi żmien xahar minn meta d-deċiżjoni ta' dak il-Board tiġi mgħarrfa lill-parti interessata.*

*Imma ma hemmx appell meta l-Board Mediku jwieġeb li ma għandux raġuni biex jirrikonsidera deċiżjoni tiegħu preċedenti għaliex it-talba hija identika ma' oħra preċedenti illi fuqha huwa jkun ġà ta dik id-deċiżjoni.*

*Għalhekk l-appell li jsir minn din l-aħħar tweġiba huwa null jekk ikun għadda aktar minn xahar minn meta ġiet notifikata lill-parti interessata t-tweġiba preċedenti tal-Board.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors ta' Giuseppe Gatt fejn talab illi dina l-Qorti tapprova l-pjanta Dok. "A" biex issir ir-rikostruzzjoni tal-kamra indikata fir-rikòrs, u għalhekk, jekk hemm bżonn, illi l-Qorti tipprefiġġi żmien lill-kònvenut nomine biex jirrilaxxja favur ir-rikorrent iċ-ċertifikat jew dokument meħ-

tieġ għar-rikostruzzjoni tal-kamra in kwistjoni in konformità ma' dik il-pjanta annessa Dok. "A"; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-art. 89 tal-Liġijiet tal-Pulizija jgħid fis-sottosezzjoni (3), illi fil-każijiet kollha jista' jsir appell lill-Board Mediku minn kull ordni jew deċiżjoni ta' l-Awtorità Sanitarja fi żmien xahar; u fis-sottosezzjoni (5) hemm ukoll illi mid-deċiżjoni tal-Board Mediku jista' jsir appell lil din il-Qorti fi żmien xahar minn dak in-nhar li d-deċiżjoni tiġi mgħarrfa lill-parti interessata. F'dan il-każ jidher ċar illi kien sar appell lill-Board Mediku, u dan, b'deċiżjoni tiegħu tas-27 ta' Marzu 1945, iddeċieda illi r-rikostruzzjoni ma tistax issir skond il-pjanta proposta; u dik id-deċiżjoni evidentement ġiet kommunikata lill-parti interessata, għaliex din fl-24 ta' Ottubru 1946 reġgħet għamlet l-istess talba, u l-Board irrisponda bl-ittra fol. 7 tas-7 ta' Novembru 1946, fejn qal "that in the opinion of the Board there is no reason why the plan submitted should be reconsidered, as it is identical with the one attached to Building Notice no. 450/45, on which the Board has already decided on the 27th. March, 1945";

Tikkunsidra;

Illi minn dan jidher ċar illi l-Board Mediku fis-7 ta' Novembru 1946 ma ta l-ebda deċiżjoni, iżda qal illi ma hemmx raġunijiet biex jerġa' jirrikonsidra l-kwistjoni minnu ġa deċiża qabel fis-27 ta' Marzu 1945, peress illi l-pjanta annessa "is identical with the one attached to Building Notice no. 450/45". Minn dan tinżel il-konsegwenza illi d-dritt ta' l-appell kien ta' xahar żmien minn dik id-deċiżjoni tas-27 ta' Marzu 1945; u ladarba dak iż-żmien kien skada, ma setgħetx il-parti, biex terġa' tipprorogah, jew iġġib terminu ieħor, terġa' tagħmel l-istess domanda lill-Board, li ma jikkonsidrahiex għaliex igħid li hija l-istess bħal dik deċiża qabel. Kieku kien hekk, il-liġi għaż-żmien ta' l-appell tista' tiġi faċilment eluża;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddikjara illi ż-żmien ta' l-appell kien għadda mid-de-

ċiżjoni tal-Board Mediku tas-27 ta' Marzu 1945, u għalhekk tiddikjara null dana l-appell; bl-ispejjeż kontra l-appellant.

---